**14 ta' Ġunju, 1995**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Dr. Noel V. Arrigo LL.D.**

Joseph Briffa

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija

**Tortura - Swat - Trattament Inuman u Degradanti - Arrest Illegali**

*Il-Qorti rriformat is-sentenza appellata billi sabet li ġew leżi d-drittijiet fundamentali b'arrest illegali u dan stante li ma ġewx osservati l-provedimenti kontemplati fl-artikoli 34(1) u (2) tal-Kostituzzjoni u 5(1) u (2) tal-Konvenzjoni.*

Il-Qorti:-

L-Onorevoli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet ir-rikors preżentat minn Joseph Briffa b'sentenza tal-21 ta' Novembru, 1994;

Il-fatti li dik is-sentenza akkoljiet, ippronunzjathom hekk:

"1. Illi l-fatti rilevanti għal din il-kawża kif jirriżultaw ippruvati lil din il-Qorti kienu s-segwenti:

(a) Kollox beda nhar il-Ġimgħa l-Kbira (8 ta' April) tas-sena l-oħra meta r-rikorrent u bintu Tammy marru jġibu lil Douglas, tifel ta' sentejn u erba' xhur, mid-dar ta' omm il-mara tar-rikorrent li tinsab Bormla. Bejn ir-rikorrent u martu Mary kien hemm, u sa fejn jirriżulta lil din il-Qorti, għad hemm, kawża ta' separazzjoni pendenti quddiem din il-Qorti (diversament presjeduta). Fil-pendenza ta' din il-kawża, il-kura u l-kustodja taż-żewġt itfal imsemmija, cjoe` ta' Douglas u Tammy (li fiż-żmien ta' l-inċident meritu ta' din il-kawża kellha tlettax-il sena) kienet ġiet fdata mill-Qorti kompetenti lil Mary Briffa, cjoe` lil mart ir-rikorrent. Ġara, pero`, li mill-14 ta' Jannar, 1993 Tammy kienet marret tgħix ma missierha peress li kellha xi kwistjonijiet ma ommha, u kienet għadha hekk qed tgħix miegħu f'April. Kwantu għaż-żgħir Douglas, għalkemm skond l-ordni tal-Qorti jidher li r-rikorrent kellu dritt ta' aċċess għalih darba fil-ġimgħa biss (kopja ta' dan l-ordni qatt ma ġiet eżibita f'din il-kawża), fil-fatt ir-rikorrent kien imur jiġbru u jieħdu għandu dan it-tifel kważi kuljum. Fuq l-eżistenza ta' dan l-arranġament kemm ir-rikorrent kif ukoll martu (prodotta bħala xhud mill-intimat f'din il-kawża) jaqblu, bħalma jaqblu wkoll li l-kura u l-kustodja taż-żewġt itfal kienet ġiet fdata mill-Qorti lil Mary Briffa;

(b) Fit-8 ta' April, 1993 meta r-rikorrent mar bħas-soltu jiġbor it-tifel mid-dar tan-nanniet materni fejn kienet, dak iż-żmien,

qed tgħix ukoll mart ir-rikorrent, hu sab li martu kienet siefret, li tal-familja tagħha ma kinux jafu meta ġejja lura, u li t-tifel kienet ħallietu għand oħtha, ċerta Rebecca Vella, li wkoll toqgħod Bormla. Jidher li r-rikorrent ħaseb li kien ser ikollu xi diffikulta` biex jieħu lit-tifel, tant hu hekk li l-ewwel ħaġa li għamel kienet li niżel l-għassa ta' Bormla fejn informa lil surġent li sab hemmhekk li martu kient telqet, li ma kienx jaf kienitx ġejja lura u li hu ried jara lit-tifel. Dan is-surġent, b'doża qawwija ta' sens komun u prattiċita`, qal lir-rikorrent biex imur għand oħt il-mara u jitlobha t-tifel bil-kelma t-tajba. Ir-rikorrent dak il-ħin stess hekk għamel u t-tifel ingħatalu mingħajr l-iċken problema. Ir-rikorrent reġa' mar l-għassa ta' Bormla bit-tifel f'idejh u informa lill-istess surġent li issa kien ser imexxi b'rikors fil-Qorti, u, *skond ir-rikorrent* (*għax dan is-*surġent qatt ma ġie prodott), anke ħalla mas-surġent il-*business card* tiegħu bin-numru tat-telefon u l-indirizz. Ir-rikorrent kien fejn għadu jgħix, f'appartament f'numru 56/4, St. Patrick Street, il-Belt Valletta. Hu ggradwa fl-inġinerija mekkanika mill-*Polytechnic of Central London* u meta rritorna lura Malta mill-Ingilterra f'Awissu, 1990 kien beda jgħallem il-matematika, il-fiżika u *engineering sciences* fl-iskejjel tal-Gvern;

(ċ) Minn Bormla r-rikorrent mar għand l-avukat tiegħu (hawnhekk il-Qorti tixtieq tippreċiża li l-avukat li għalih ser issir referenza f'din is-sentenza in konnessjoni mal-kawża ta' separazzjoni u mar-rikors li sar dwar il-kustodja tal-minuri Douglas, kif ukoll dwar x'parir ingħata r-rikorrent dwar iż-żamma tat-tifel, ma hux la l-avukat firmatarju tar-rikors odjern u lanqas l-avukata li għamlet is-sottomissjonijiet oralment f'din il-kawża). Dan l-avukat qal lir-rikorrent li kien hemm bżonn li jsir rikors fil-Qorti (presumibbilment biex it-tifel jiġi afdat fil-kura u l-kustodja tiegħu),u skond ir-rikorrent dan ir-rikors - li kopja tiegħu ukoll qatt ma ġiet

eżibita - ġie ppresentat fil-Qorti kompetenti fit-13 ta' April, 1993;

(d) Skond ir-rikorrent, minn ċertu diskors li missier martu kien qal lil bintu (ċjoe` lil Tammy Briffa), fis-sens li mart ir-rikorrent kienet siefret ma raġel ieħor, ir-rikorrent beda jissuspetta li martu kienet ġejja lura Malta biss biex tieħu t-tifel u toħorġu barra minn Malta;

(e) Fid-19 ta' April, 1993 mart ir-rikorrent, li kienet irritornat Malta, ċemplet lir-rikorrent u qaltlu biex iġibilha t-tifel lura. Ir-rikorrent irrifjuta u qalilha biex jekk trid tagħmel kif kien għamel hu, u ċjoe` li tipproċedi permezz ta' rikors fil-Qorti kompetenti. Appena qata' minn ma martu, ir-rikorrent reġa' mar għand l-avukat tiegħu. Ir-rikorrent ikompli hekk "L-avukat qalli li jien ma kellix nagħti t-tifel lil ħadd, li fil-fatt kien hemm rikors li jien kont ippreżentajt nassumi fil-Prim'Awla u fil-fatt l-avukat qalli li jekk jiġi xi ħadd għat-tifel, jien kull ma kelli nagħmel kelli nippreżenta, anzi nurihom dan ir-rikors" (fol. 15);

(f) Jirriżulta wkoll mill-provi li l-għada, 20 ta' April, 1993 mart ir-rikorrent marret l-għassa tal-pulizija ta' Bormla tirrapporta l-fatt li żewġha kien ħa t-tifel meta hi kienet imsiefra u li issa kien qed jirrifjuta li jirritornahulha. Hi ħadet magħha kopja tad-digriet tal-Qorti li kien jafda l-kura u l-kustodja tat-tifel u tat-tifla) f'idejha. Hemmhekk fl-għassa kellmet lill-Ispettur Tarcisio Pulis. Dan qalilha li ma kien ser jagħmel xejn qabel ma jkellem lill-avukat tagħha; għalhekk Mary Briffa rritornat ftit tal-ħin wara flimkien ma' l-avukat tagħha. Fil-presenza ta' dan l-avukat u tal-klijenta tiegħu, l-Ispettur Pulis ċempel lir-rikorrent id-dar tiegħu il-Belt u dan wara li Mary Briffa tagħtu n-numru tat-telefon u l-indirizz. Dwar x'diskors intqal bejniethom, dan ser jiġi kkunsidrat aktar 'l quddiem. Għal mument

bizzejjed jingħad li r-rikorrent għamilha ċara lill-ispettur li ma kienx bi ħsiebu jirritorna t-tifel għand ommu;

(ġ) L-Ispettur Pulis, għalhekk, bagħat jarresta lir-rikorrent. Dan għamlu billi ċempel l-għassa tal-Belt u hemmhekk ħalla struzzjonijiet biex xi ħadd imur jarresta lir-rikorrent. Hu tahom anke l-indirizz tad-dar (jew appartament) tar-rikorrent. Hu ma ħareġ ebda *warrant* bil-miktub għal tali arrest. Skond l-Ispettur Anthony Polidano ta' l-għassa tal-Belt, li f'xi ħin jidher li tkellem bit-telefon ma' l-Ispettur Pulis, dan (Pulis) qallu "li ried jarresta lil ċertu Joseph Briffa u li kien bi ħsiebu jressqu b'arrest l-għada fil-għodu il-Qorti. Hu qalli li ried jarrestah lil dan Briffa sabiex jinterrogah in konnessjoni ma arrest illegali. F'dak l-istadju kull ma qalli biss hu arrest illegali, fis-sens li ma qallix lil min suppost dan Joseph Briffa kien arresta illegalment" (fol. 82);

(ħ) L-esekuzzjoni ta' dan l-ordni ta' arrest messet lil P.S. 70 Alfred Mallia, P.C. 280 Sergio Darmanin u P.C. 699 Kenneth Savasta. Appena P.S. Mallia irritorna, ftit wara d-9.00 p.m. , mid-doveri tiegħu barra l-bieb tal-Palazz il-Belt in konnessjoni ma seduta tal-Kamra tad-Deputati, hu ingħata l-istruzzjonijiet (mhux ċar jekk hux mingħand l-*orderly* ta' l-għassa tal-belt jew mingħand l-Ispettur Pulis direttament bit-telefon) biex imur jarresta lir-rikorrent. Kemm hu kif ukoll iż-żewġ kuntistabbli li kellu miegħu ma kinux jafu għala sejrin jarrestaw lil Briffa. P.S. 70 infatti jgħid: "Jien u sejjer narresta lil Joseph Briffa jien ma kontx naf għalfejn sejjer narrestah, kelli l-ordni biex narrestah biex ikellmuh l-ispetturi, u daqshekk. Jien qalli biex iġib it-tfal miegħu l-Ispettur Polidano, jiġifieri qalli biex inġib l-għassa kemm lil Joseph Briffa kif ukoll lit-tfal" (fol. 97);

(i) Meta dawn it-tlett uffiċjali tal-pulizija marru wara l-bieb ta' l-appartament tar-rikorrent, ħabbtu, dan fetħilhom, u P.S. 70 qal lir-rikorrent b'mod ċar biex hu u t-tfal imorru magħhom (jiġifieri mal-pulizija) għax ried ikellmu l-ispettur. L-ewwel reazzjoni ta' Briffa kienet li jistaqsi lis-surġent jekk dan kienx ifisser li kien qed jarrestah, u s-surġent wieġeb b'mod kategoriku fl-affermattiv. Fuq dan jaqblu kemm ir-rikorrent kif ukoll l-istess surġent (ara fol. 92);

(j) Dwar id-diskors li għadda fl-appartament bejn il-pulizija u r-rikorrent jidher li, sostanzjalment, hemm ukoll qbil. Ir-rikorrent beda joġġezzjona għal tali arrest, u speċjalment beda joġġezzjona li jieħu miegħu it-tfal (fuq it-tfal jidher li t-tlett pulizija ma insistewx), u insista li ried juri lill-pulizija r-rikors li l-avukat tiegħu kien ippreżenta (pero` li ma kienx għadu dekretat) fil-Qorti dwar il-kwistjoni tal-kura u l-kustodja tat-tifel. Il-Pulizija, min-naħa tagħhom, ma ridux jaraw karti u qalu lir-rikorrent li jekk ried juri xi dokumenti dan kellu jurihom lill-Ispettur. Meta l-pulizija raw li r-rikorrent kien ser jibqa jargumenta magħhom, is-Surġent Mallia qabad lir-rikorrent minn driegħu (skond ir-rikorrent u bintu, mill-kozz ta' għonqu) u ġibdu l-barra mill-appartament. Minn dak il-mument ma jirriżultax li r-rikorrent għamel aktar resistenza jew oġġezzjoni u ebda forza ma intużat biex it-tlett pulizija akkompanjaw lir-rikorrent minn St. Patrick Str. sa l-għassa fi Triq Santa Lucia. F'dak il-ħin ir-rikorrent kien liebes qalziet tat-*track suit* jew tal-*pygama* u qmis qisa tal-militar li t-tnejn ġew eżibiti fl-atti ta' din il-kawża, kif ukoll kien bil-peduni bojod pero` bla żarbun. Ritratt ta' kif kien liebes ir-rikorrent jinsab ukoll eżibit a fol. 143. Skond ir-rikorrent dawn huma ħwejjeġ li soltu jorqod bihom;

(k) Kif wasslu l-għassa tal-Belt ir-rikorrent mill-ewwel iddaħħal fl-uffiċċju ta' l-Ispettur Polidano. Fi kliem l-Ispettur

Polidano "dan irrakkontali l-istorja tal-mara tiegħu u t-tifel u kif il-mara telqet l-Ingilterra u kif it-tifel kien qiegħed għandu, fi ftit kliem l-istorja kollha. Jien lil Briffa f'ebda ħin ma għidtlu għaliex kien qed jiġi arrestat" (fol. 82). F'dan il-ħin kien jidher li l-Ispettur Polidano kellu xi dubbji dwar l-idoneita` ta' l-arrest f'dan il-każ u ċempel lill-Ispettur Pulis. Dan, min-naħa tiegħu, wara li kkonsulta mas-superjuri tiegħu, iddeċieda li jordna r-rilaxx ta' Briffa u fil-fatt anke kellem lil Briffa fuq it-telefon ta' l-uffiċċju ta' l-Ispettur Polidano u infurmah li kien qed jirrilaxxjah;

(l) Ġara, pero', li waqt li r-rikorrent Briffa kien l-għassa tal-Belt u waqt li l-Ispettur Polidano kien qed ikellem lill-Ispettur Pulis bit-telefon, għadda xi diskors bejn ir-rikorrent u s-Surġent 70 Alfred Mallia u dan ta' l-aħħar f'ħin minnhom ta' daqqa ta' beritta fuq ras ir-rikorrent u daqqa ta' ponn fuq widintu l-leminnija u weġġgħu. Mallia jiċħad li qatt għamel hekk, pero` din il-Qorti hi sodisfatta anke mid-disposizzjonijiet ta' l-Ispettur Polidano (li ħass li kellu jifred lis-surġent minn mar-rikorrent, fol. 85), ta' l-Ispettur Pulis (li jgħid li mill-għassa tal-Belt u bit-telefon ir-rikorrent dak il-ħin stess qallu li kien ġie msawwat, fol. 61) u speċjalment tal-kuntistabbli Savasta (li ħass il-bżonn li jirrestrinġi fiżikament lis-surġent, ara fol. 116), li l-versjoni korretta ta' l-akkadut dwar id-daqqa ta' beritta u d-daqqa ta' ponn fuq il-widna hija dik tar-rikorrent;

(m) Biex tikkonkludi dawn l-appunti dwar il-fatti, jiġi rilevat li appena r-rikorrent ħareġ mill-blokk ta' appartamenti fejn joqgħod, akkumpanjat mill-pulizija, tnejn minn ħut mart ir-rikorrent daħlu f'dak il-blokk bini u ħadu t-tifel, li sa dan it-tant kien tniżżel minn oħtu Tammy għand xi ġirien f'appartament ta' taħt dak tar-rikorrent. Jidher li l-manuvra kienet ippjanata minn dawn it-tnejn (ara d-deposizzjoni ta' Evelyn Darmanin, speċjalment fol. 128). Il-Qorti,

pero', trid tagħmilha ċara wkoll li ma hemm ebda prova li għal dan l-ittehid lura tat-tifel kien hemm xi kollużjoni bejn il-familjari ta' mart ir-rikorrent u l-pulizija jew xi membri tal-pulizija";

2. Ir-rikorrenti wara dawn il-fatti ħass li d-drittijiet fundamentali tiegħu garantiti mill-artikoli 3, 5(1) u (2) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ġew vjolati u għalhekk talab il-Qorti li takkordalu kumpens adegwat li għandu jitħallas mill-intimat;

3. (a) Il-Kummissarju tal-Pulizija oppona illi l-arrest sar fuq suspett raġonevoli li r-rikorrent kien ikkommetta reat u wara li huwa stess stqarr ma' l-Ispettur tal-Pulizija li huwa kien se jisfida l-ordni tal-Qorti Ċivili - kif difatti - in flagrante - baqa' jagħmel sa l-aħħar. Għalhekk l-arrest sar skond ma kjarament hemm kontemplat fil-paragrafi (b) u (ċ) ta' l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni;

L-allegazzjonijiet ta' swat, tortura, trattament inumani u degradanti huma inveritieri;

(b) Sussegwentement, l-intimat oppona *ulterjorment illi* r-rikorrenti m'għamilx użu mill-mezzi ta' rimedju li tipprovdi l-liġi ordinarja - kwerela kontra min allegatament arrestah illegalment u fil-każ ta' rifjut ta' proċediment mill-istess Kummissarju, l-isfida li jsemmi l-artikolu 541, Kap. 9 u finalment azzjoni ċivili għad-danni;

Għalhekk l-intimat invita l-Qorti li tgħażel li tiddeklina li teżerċita l-ġurisdizzjoni speċjali konferita bl-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni;

Is-sentenza msemmija tal-21 ta' Novembru, 1994, fl-ewwel

lok, iddeklinat l-invit ta' l-intimat biex ma teżerċitax il-ġurisdizzjoni speċjali tagħha, u dan fuq l-iskorta ta' dak li ġie deċiż mill-istess Qorti fil-21 ta' Jannar, 1988 f'**Siracusa** ***vs*** **l-Onorevoli Prim Ministru** ***noe et***, fit-28 ta' Settembru, 1989 f'**Balzan** ***vs*** **Onorevoli Prim Ministru** ***et*** (konfermata minn din il-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Jannar, 1991) u dik tal-5 ta' Diċembru, 1996 f'**Vella** ***vs*** **Kummissarju tal-Pulizija** ***et*** (deċiża finalment minn din il-Qorti fil-5 ta' April, 1991) u, aktar u aktar, għaliex ma jistax jingħad li r-rikorrenti għandu rimedji adegwati għall-allegati vjolazzjonjiet ta' tortura u trattament inuman u degradanti;

5. Fuq il-mertu, il-Qorti ppronunzjat ruħha hekk:

**Trattament Inuman u Degradanti:**

Ir-rikorrent qed jilmenta minn trattament inuman u degradanti minħabba (i) il-mod li ttrattawh il-pulizija meta ġew biex jarrestawh mid-dar, (ii) minħabba l-fatt li nħareġ mid-dar u ttieħed l-għassa bil-mixi liebes ħwejjeġ ta' l-irqad u bil-peduni, u (iii) minħabba l-fatt li fl-għassa is-Surġent 70 tah daqqa bil-beritta u anke daqqa ta' ponn fuq widnejh il-leminija. Fit-trattazzjoni finali quddiem din il-Qorti l-abbli difensura tar-rikorrent, Dr. Edwina Chetcuti, stiednet lil din il-Qorti sabiex tikkonsidra l-karattru, ir-rank u l-professjoni tar-rikorrent biex ikun jista' jiġi determinat jekk kienx hemm trattament inuman u degradanti;

Il-kunċett ta' trattament inuman u degradanti ġie eżaminat *funditus* fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-20 ta' Lulju, 1977 fl-ismijiet **Gużeppa Galea** ***vs*** **Segretarju tad-Djar** ***et*** kif ukoll fis-sentenza ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Tonio Vella** ***vs*** **Kummissarju tal-Pulizija** ***et***, ġa msemmija. F'dawn is-sentenzi l-Qrati tagħna

abbraċċjaw il-kunċett ta' trattament inuman u degradanti kif espost mill-Kummissjoni u mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. "*The notion of inhuman treatment*" qalet il-Kummissjoni fir-rapport tagħha dwar il-***Greek Case*** "*covers at least such treatment as deliberately causes severe suffering, mental or physical, which in the particular situation, is unjustifiable ... Treatment of an individual may be said to be degrading if it grossly humiliates him before others or drives him to act against his will or conscience*" (Yearbook XII; ***The Greek Case*** (1969), p.186). F'rapport aktar reċenti l-Kummissjoni rriferiet għal dawk il-miżuri li jammontaw għal "*an insult to the applicant's human dignity*" (*X.Y. and C vs Belgium*, Appl. 8930/80). Biex trattament, jew aħjar maltrattament jista' jingħad li jammonta għal trattament inuman jew degradanti "*it must attain a minimum level of severity .... The assessment of this minimum is, in the nature of things, relative; it depends on all the circumstances of the case, such as the duration of the treatment, its physical and mental effects and, in some cases, the sex, age and state of health of the victim*" (*Ireland vs U.K.* 18/1/78, A.21 (1978), p. 65);

Minn eżami akkurat tal-provi din il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrent f'ebda ħin ma ġie assoġġettat għal trattament inuman u degradanti fis-sens ta' l-artikolu 3. L-inċident kollu, minn x'ħin waslu l-pulizija wara l-bieb ta' l-appartament għall-mument meta r-rikorrent ġie rilaxxjat mill-għassa tal-Belt, ħa, kif tista' tikkalkola din il-Qorti, ftit aktar minn siegħa. Dwar il-komportament tal-pulizija fl-appartament hemm żewġ versjonijiet: skond ir-rikorrent u bintu, il-pulizija kienu arroganti u *overbearing*, bla paċenzja u ma jridu jafu b'xejn ħlief li jfittxu jeżegwixxu l-arrest; minn naħa l-oħra t-tlett uffiċjali tal-pulizija jenfasizzaw kemm ħadu paċenzja bir-rikorrent, kemm-il darba qalulu biex jilbes iż-żarbun u jmur

magħhom mentri dan baqa' jargumenta, u li kważi ġibduh 'l barra mill-appartament b'sens ta' esasperazzjoni. Din il-Qorti hi aktar propensa li temmen lir-rikorrent fis-sens li kien hemm ċertu attitudni ta' irruenza u nuqqas ta' kortesija elementari da parti tat-tlett pulizija, u dan x'aktarx għax, kif irriżulta, mart ir-rikorrent kienet qalet lill-Ispettur Pulis kif ukoll lit-tlett pulizija li żewġha kien bniedem perikoluż u li kellhom joqgħodu attenti ma jmurx ikollu xi arma tan-nar żgħira u moħbija li jkun immanifattura huwa stess (ara deposizzjoni ta' l-Ispettur Pulis, fol. 58, 59 u 64, u ta' P.S. 70 Alfred Mallia, fol. 91). Il-Qorti hi konvinta li din l-informazzjoni - f'dan il-każ malinformazzjoni - influwiet xi ftit jew wisq fuq l-attitudni tat-tlett pulizija. Pero` anke jekk kien hemm, da parti ta' dawn it-tlett pulizija, aġir skorrett fis-sens ta' arroganti u goff, da parti tagħhom, dan żgur li ma kienx jammonta għal ħruxija jew tgħakkis fis-sens ta' l-artikolu 355 tal-Kap.9, wisq anqas għal trattament inuman jew degradanti. Kwantu għall-fatt li ttieħed l-għassa mingħajr żarbun (liebes biss peduni) u liebes l-ilbies muri fir-ritratt eżibit, din il-Qorti ma tarax f'dan xi element ta' *gross humiliation*, u dan anke tenut kont tal-professjoni, rank jew status tar-rikorrent. Apparti d-distanza qasira bejn id-dar tiegħu u l-għassa tal-pulizija, ma rriżultax li fi triqthom lejn l-għassa ġara xi ħaġa, imqar aċċidentali (bħal, per eżempju inġabru xi nies) li seta aggrava s-sitwazzjoni. Il-qalziet li kien liebes kien jgħaddi bħala qalziet ta' *track suit* u l-qmis kienet normali (kien hemm xi xhieda li ddeskrivewha bħala ġakketta bħal tal-militar minħabba xi *badge* fuq il-komma). Il-Qorti hi sodisfatta li r-rikorrent kellu, kieku ried, żmien biex jilbes żarbun jew papoċċ, pero` anke li kieku ma ingħatax l-opportunita` li jagħmel hekk, din il-Qorti ma tarax li b'hekk ġie leż l-artikolu 3. Fl-aħħarnett, kwantu għad-daqqa ta' beritta u daqqa ta' ponn li P.S. 70 Alfred Mallia jirriżulta li ta' lir-rikorrent fil-għassa tal-belt, dan l-aġir, fil-fehma tal-Qorti, għalkemm kundannabbli u

kundanabbli doppjament meta ġej minn uffiċjal tal-pulizija b'abbuż ta' l-uniformi tiegħu, ma jistax jitqies ta' gravita' jew severita' tali li jammonta għal trattament inuman jew degradanti, għalkemm ċertament jammonta għal reat kriminali;

**Artikolu 5(2):**

Is-subartikolu (2) tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni, fit-test Malti, jaqra hekk: "Kull min ikun arrestat għandu jkun infurmat minnufih, f'lingwa li jifhem, dwar ir-raġunijiet ta' l-arrest tiegħu". Dwar din id-disposizzjoni l-Qorti tosserva li l-kelma "minnufih" hi traduzzjoni ta' l-Ingliż *promptly*, li hi, min-naħa tagħha, traduzzjoni forsi infeliċi ta' l-espressjoni Franċiża *dan le plus court delai*. Wieħed hawnhekk jista' jqabbel din l-espressjoni mal-kelma *aussitot* użata fl-artikolu 5(3) u li wkoll ġiet tradotta għal *promptly* u *minnufih*, għalkemm ċertament il-kelma *aussitot* tittrasmetti aktar idea ta' immedjatezza u tempestivita' mill-espressjoni *dan les plus court delai*. Minkejja dan, din il-kelma *aussitot "must not be so literally interpreted that the investigating judge must be virtually dragged out of bed to arraign the detainee or must interrupt urgent activities for this"* (Van Dijk, P., u Van Hoof. G.J.H., op. cit. p. 275). Minn eżami akkurat tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni u tal-Qorti Ewropeja, hu evidenti li l-iskop tas-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 hu li persuna arrestata tkun taf sa minn kmieni kemm jista' jkun fil-perijodu ta' l-arrest tagħha (li potenzjalment jista' jkun wieħed twil) ir-raġuni għala ġiet hekk arrestata u dan sabiex tkun tista' *tikkontesta, okkorrendo* anke permezz ta' proċeduri fil-Qorti (arikolu 5(4)), il-legalita' ta' dak l-arrest u tikseb ir-rilaxx tagħha. Kemm it-test tal-Konvenzjoni kif ukoll il-ġurisprudenza jagħmlu distinzjoni bejn l-informazzjoni meħtieġa għall-finijiet ta' l-artikolu 5(2) u dik meħtieġa biex tissodisfa l-artikolu 6(3)(a), fejn din ta' l-aħħar trid tkun aktar ċara

u fid-dettal proprju biex tippermetti lill-persuna issa akkużata li tiddefendi ruħha u b'hekk ikollha *a fair trial*. Minn dan kollu neċessarjament isegwi li s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 5 ma jirrikjedix li l-informazzjoni tingħata proprju fil-mument, ossia kontemporanjament, ma' l-esekuzzjoni ta' l-arrest, u fil-fatt il-ġurisprudenza ta' l-imsemmija Kummissjoni u Qorti irrikonoxxiet li, f'ċerti ċirkostanzi, it-trapass ta' ftit siegħat mill-mument li persuna tkun ġiet arrestata sakemm tingħata l-informazzjoni ma jilledix id-dritt sanċit b'dan is-subartikolu. Isegwi ukoll li jekk il-persuna arrestata tkun taf għala qed tiġi arrestata - jew għax tkun inqabdet in flagrante jew għax neċessarjament kienet taf minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ - il fatt li fil-perijodu inizzjali ta' l-arrest ma tingħatax espressament ir-raġuni ta' l-arrest, ukoll ma jilledix dan is-subartikolu. Proprju f'dan il-kuntest, Sir James Pawcett, fil-ktieb tiegħu *The Application of the European Convention on Human Rights* (O.U.P., 1987) iqabbel ir-*raison d'etre* ta' dan is-subartikolu mat-tielet u r-raba' proposizzjoni ta' Viscount Simon fil-każ klassiku Ingliż ta' *Christie vs Leachinsky* (1947) A.C. 567, u cjoe' li:

"*3. The requirement that the person arrested should be informed of the reason why he is seized naturally does not exist if the circumstances are such that he must know the general nature of the alleged offence for which he is detained.*

*4. The requirement that he should be so informed does not mean that technical or precise language need be used. The matter is a matter of substance, and turns on the elementary proposition that in this country a person is prima facie entitled to his freedom and is only required to submit the restraint on his freedom if he knows in substance the reason why it is claimed that this restraint should be imposted*" (at 573, ikkwotata f'Fawcett, supra, p. 99);

Hekk, per eżempju, fil-każ Neumeister (ara Coll. 14, p. 38), proprju in konessjoni ma' l-artikolu 5(2), il-Kummissjoni rriteniet li l-fatt li r-rikorrent fil-kors ta' l-investigazzjoni tal-każ li in segwitu wassal għall-arrest tiegħu kien ġie detenut għal xi żmien is-sena ta' qabel u kien ġie anke interrogat f'erba' okkażżjonijiet ġimagħtejn qabel l-arrest tiegħu, dan kien ifisser *"that the applicant must have been fully aware of the reasons for his arrest and the nature of the charges against him; whereas it follows that this part of the application is manifestly ill-founded and must be rejected ...."* (op.cit. p. 50). F'każ ieħor, riportat fid-Digest of Strasbourg Caselaw (Carl Heymans-Verlag, 1987), vol. 1, p. 457, jingħad hekk mill-Kummissjoni:

*"The applicant has then complained that he was not informed of the reasosn for his arrest in conformity with the provisions of article 5(2). However, the lawfulness of the applicant's detention was decided upon in his presence in the Criminal Court 24 hours after his apprehension. It is further noted that the applicant does not complain that he did not understand the subject matter of that hearing. Consequently this complaint does not disclose any appearance of a violation of the rights and freedoms set out in the Convention and in particular in article 5(2)"*;

Fil-każ *Freda vs Italy* (Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Ottubru, 1980; D.R. 21, p. 250) ir-rikorrent ġie arrestat fil-Costa Rica fejn ma ingħatalu ebda raġuni għall- arrest tiegħu. Wara jumejn ittieħed l-ajruport, ingħata f'idejn pulizija Taljani u tqiegħed fuq ajruplan (*fejn ġie inkatenat mas-seats) tal-qawwa ta'* l-ajru Taljana. Kien biss meta l-ajruplan niżel Ruma li r-rikorrent ingħata kopja tal-mandat ta' arrest kontra tiegħu. Il-Kummissjoni rriteniet li r-

rikorrent neċessarjament kien jaf mill-bidu nett għala kien ġie arrestat u ċjoe' minħabba li kien kiser il-kundizzjoni imposta fuqu li jirrisjedi f'post partikolari;

Għall-finijiet ta' l-artikolu 5(2) il-Kummissjoni anke ddeċidiet li jkun biżżejjed li r-raġuni għall-arrest tingħata l-ewwel lir-rappreżentant legali tal-persuna arrestata li imbagħad jgħaddiha lill-klijent tiegħu:"*However, the applicant's defence counsel was undoubtedly informed accordingly. The applicant does not claim that his counsel did not inform him in turn at the time of his arrival and arrest in Sweden or promptly thereafter.*

*Moreover, considering the applicant's contacts with the police and his extradition proceedings there is no doubt that he was aware of the reasons for his arrest and of the charges against him within the meaning of article 5(2)*" (Digest, op.cit., p.462);

Fil-każ *X. contre la Belgique* (Deċiż. Kumm. 12 ta' Marzu, 1962; Coll. 8, p. 112), il-Kummissjoni rriteniet li għalkemm ir-rikorrent ma kienx ingħata r-raġuni għall-arrest tiegħu fil-mument li ġie arrestat, xorta waħda ma kienx hemm vjolazzjoni ta' l-artikolu 5(2) peress li r-raġuni għal tali arrest ingħatatlu wara mill-maġistrat inkwirenti. L-istess ġie ritenut aktar reċentement mill-Qorti Ewropeja fil-każ ta' *Fox, Campbell and Hartley*, deċiż fit-30 ta' Awissu, 1990:

*"The applicants submitted that they had not been given at the time of their arrest adequate and understandable information of the subtantive grounds for their arrest. The Court observed that, whilst the reasons for the arrest had not been sufficiently indicated when the applicants were taken into custody, they had been brought to*

*their attention during their subsequent interrogation. Moreover, the intervals of a few hours that had elapsed between arrest and interrogation could not be regarded as falling outside the constraints imposed by the notion of promptness. The Court therefore held that there had been no breach of article 5(2) (unanimously)*" (Berger, V., Case Law of the European Court of Human Rights (The Round Hall, Dublin, 1992), Vol. II. p. 199, para. 449);

Fil-każ preżenti r-rikorrent Briffa, mill-mument li ġie arrestat sal-mument li ġie rilaxxjat - perijodu ta' siegħa jew ftit aktar, kif ġa ingħad - f'ebda ħin ma intqal lilu espressament ir-raġuni għall-arrest. It-tlett pulizija li marru ġabruh ma kellhomx l-iċken ideja għala kienu qed jarrestawh, ħlief li għax ried ikellmu l-ispettur; din, naturalment, ma hiex raġuni valida skond il-liġi. Kif ittieħed l-għassa tal-Belt, iddaħħal ikellem lill-Ispettur Polidano, iżda dan, għalkemm kien jaf għala l-Ispettur Pulis kien ordna l-arrest tiegħu, baqa' ma qalx espressament lil Briffa ir-raġuni ta' l-arrest (ara pargrafu 1(ġ) u (k) ta' din is-sentenza, supra). Jibqa' għalhekk x'jiġi kkunsidrat jekk, miċ-ċirkostanzi kollha, Briffa kienx jaf għala kien qed jiġi arrestat. Fid-deposizzjoni tiegħu tad-9 ta' Settembru, 1994, ir-rikorrent jgħid testwalment:

".... għall-ħabta tas-sitta u nofs ta' filgħaxija ċempilli d-dar l-Ispettur Pulis .... qalli li jien kont sraqt it-tifel mingħand il-mara, u jien infurmajtu pero' li l-mara tiegħi ma kinetxMalta, ċjoe' kienet għamlet perijodu imsiefra, pero' l-ispettur infurmani li l-mara kellha digriet favuriha fis-sens ta' d-digriet provvisorju tal-kura u l-kustodja tat-tfal, pero' jien kont infurmajtu lill-Ispettur li kont ftaħt rikors fil-Qorti pero' li sa dik il-ġurnata ma kienx għadu dekretat. L-ispettur *talabni min kienu l-avukati tiegħi u tal-mara, u jien tajtu l-ismijiet* ta' l-avukati, u jien għidtlu wkoll li jekk ikollu bżonn xi

informazzjoni jċempel lill-avukat tiegħi għaliex hekk kien qalli biex nagħmel l-avukat tiegħi. Daqshekk l-ispettur, imbagħad qata'" (fol. 15 u 16). In kontro-eżami r-rikorrent reġa' tenna li l-Ispettur qallu li kien seraq lit-tifel (fol. 25 u 27). Mistoqsi speċifikament jekk l-Ispettur kienx semmielu li kien kiser xi disposizzjoni partikolari tal-Kodiċi Kriminali, ir-rikorrent qal: "Jien diskors bħal dan ma niftakarx li l-Ispettur qaluli, l-Ispettur baqa biss jinsisti li jien kont sraqt lit-tifel u jien bqajt ngħidlu le, mhux veru li jien sraqt lit-tifel" (fol. 27). Ir-rikorrent baqa jinsisti li l-Ispettur Pulis ma qallux li kien ser jibgħat jarrestah jew li qallu biex jinżel Bormla sabiex ikellmu (fol. 27 u 28). L-Ispettur Pulis fid-deposizzjoni tiegħu jgħid li lil Briffa qallu li seta kien qed jikkommetti arrest illegali (tant hu hekk li dan, Briffa, wieġbu b'sorpriża "*Illegal arrest*, fuq ibni!" (fol. 58)), li insista miegħu li kien hemm digriet li kien jagħti l-kura u l-kustodja lil martu, u li lir-rikorrent qallu biex imur Bormla iżda dan irrifjuta u insista li kien ser jibqa jżomm it-tifel. Kien hawn, skond dan ix-xhud, li lil Briffa qallu "mela ser ikolli nibgħat għalik mod ieħor". Il-Qorti tara li l-versjoni ta' l-Ispettur Pulis hi aktar verosimili u kredibbli. L-ewwel nett hu aktar verosimili li f'każ bħal dan (bħalma f'ħafna każijiet oħra) spettur l-ewwel jgħid lill-persuna li tkun sabiex tiġi tkellmu flok ikollu joqgħod jaqla lil, u jiddependi fuq, pulizija ta' distrett ieħor. Hemm imbagħad id-diskors li l-Ispettur Pulis jgħid li r-rikorrent qal dwar id-digriet tal-Qorti li l-istess spettur kellu f'idejh, u ċjoe' li dak id-digriet "mhux ħlief biċċa *toilet paper*" (fol. 57). Dan id-diskors hu korroborat mix-xhud Mary Briffa (fol. 121 u 122). Pero' anke li kieku din il-Qorti kellha toqgħod fuq il-versjoni tal-konversazzjoni mogħtija mir-rikorrent, il-Qorti xorta tikkonkludi li r-rikorrent kien jaf fuqhiex kien qed jiġi arrestat mis-Surġent Mallia, ċjoe' fuq l-itteħid jew iż-żamma illegali tat-tifel. Tant hu hekk, appena s-surġent qallu li kien qed jarrestah, ir-rikorrent mill-ewwel insista li jurihom ir-rikors li

kien għamel il-Qorti in konnessjoni mat-tifel. Fi kliem is-Surġent Mallia: "veru li s-Sur Briffa ipprova jispjegali l-istorja kollha bil-kwistjoni tar-rikorsi u mhux rikorsi, pero` jien għidtlu li għalxejn jipprova jispjega lili għaliex dan kellu jispjegah lis-superjuri tiegħi" (fol. 101);

Minn dan, u mill-kumpless tal-provi, din il-Qorti tikkonkludi li r-rikorrent kien jaf fuq xiex kien qed jiġi arrestat, kien jaf "*the general nature of the alleged offence*", u għalhekk ma ssibx li f'dan il-każ kien hemm ksur ta' l-artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni;

**Suspett Raġonevoli:**

Kemm skond il-Kodiċi Kriminali kif ukoll skond l-artikolu 5(1)(ċ) tal-Konvenzjoni l-arrest irid ikun fuq suspett raġonevoli ta' reat (u, fil-każ tal-Kodiċi tagħna, reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, artikolu 347, Kap.9). Dan is-suspett raġonevoli jrid jissussisti għall-anqas f'moħħ minn ikun ordna l-arrest (li jista' jkun ukoll awtorita` ġudizzjarja) u mhux neċessarjament f'moħħ min ikun qed jeżegwixxi dak l-ordni. Il-kunċett ta' suspett raġonevoli ġie wkoll eżaminat *funditus* fil-każ **Tonio Vella vs Kummissarju tal-Pulizija** *et*, kemm fis-sentenza ta' l-ewwel Qorti kif ukoll f'dik tal-Qorti Kostituzzjonali. Naturalment anke l-organi ta' Strassbourg kellhom l-okkażjoni li jelaboraw fuq dan ir-rekwiżit. Hekk, per eżempju, fil-każ Brogan and others, il-Qorti Ewropeja għamlitha ċara li l-artikolu 5(1)(c) "*does not presuppose that the police should have obtained sufficient evidence to bring charges, either at the point of arrest or when the applicants were in custody*" (29/11/88, Series A No.145-B, p.29, para. 53);

Diversi deċiżjonijiet tal-Kummissjoni irritjenew li *in*

*determining what is a "reasonable suspicion of having committed an offence" permitting the arrest or detention of a person under article 5(1)(c) regard must be had to the circumstances of the case as they appeared at the time of the arrest and detention and not as they may appear at some later date* (digest, op.cit., p.388). U fi kliem van Dijk u van Hoof: "*At the moment the arrest is made it need not yet be firmly established that an offence has actually been committed or what the precise nature of that offence is; indeed, it is for this that the further examination is intended which the detention on remand must help to ensure*" (op.cit., p.262). Kif intqal mill-Privy Council fil-każ Shaaban bin Hussein vs Chong Fook Kam (1969) 3 All E R 1626 (PC), "*Suspicion arises at or near the starting point of an investigation of which the obtaining of prima facie proof is the end*". Mill-banda l-oħra mhux biżżejjed li wieħed ikollu "*an honest suspicion*"; il-liġi tirrikjedi li s-suspett ikun ukoll oġġettivament wieħed raġonevoli. Dan il-punt ġie trattat mill-Qorti Ewropeja fil-każ ġa msemmi ta' *Fox, Campbell and Harley*: "*Having a "reasonable suspicion" presupposed the existence of facts or information which would satisfy an objective observer that the person concerned might have committed the offence, although what might be regarded as "reasonable" depended upon all the circumstances*" (Berger, V., op.cit., p.198, para.448). Dak li l-liġi ċertament ma tridx hu arrest arbitrarju, mingħajr ebda bażi konkreta u oġġettiva ta' fatt li jiġi relatat jew imwassal lil min irid jieħu d-deċiżjoni. Fil-każ preżenti, l-Ispettur Pulis kellu denunzja mingħand Mary Briffa dwar it-teħid u ż-żamma ta' binha; qabel ma ħa passi bagħtha ġġib lill-avukat tagħha u dan ġie mal-klijenta tiegħu biex sostanzjalment jikkonferma l-istat ta' fatt li kienet iddenunzjat l-imsemmija Mary Briffa. L-ispettur kellu wkoll quddiemu d-digriet tal-Qorti Ċivili li kien jafda l-kura u l-kustodja f'idejn il-mara, kif ukoll konferma bit-telefon mingħand l-istess rikorrent li t-tifel

Douglas verament kien għandu. Dan kollu, abbinat mal-fatt li r-rikorrent irrifjuta li jmur minn rajh l-għassa ta' Bormla u li Mary Briffa u l-avukat tagħha qalu lill-imsemmi spettur li r-rikorrent kien bniedem perikoluż u li kien anke ħadem jew immanifattura xi arma li kien instab ħati ta' hekk mill-Qorti (fatt, dan ta' l-immanufatturar ta' l-arma, ammess mill-istess rikorrent li ġara tnax-il sena ilu - ara *fol. 25), kien biżżejjed fil-fehma ta' din il-Qorti biex inissel suspett* raġonevoli f'moħħ l-Ispettur Pulis li r-rikorrent seta kien ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti ma taqbilx mar-rikorrent li dan ir-reat ma kienx ipotizzabbli f'dan il-każ. Il-volonta` ta' persuna ta' sentejn u erba' xhur hi neċessarjament il-volonta` tal-persuna li skond il-liġi jkollha l-kura u l-kustodja tagħha. Anqas hu relevanti, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-fatt li wara li l-Ispettur Polidano ċempel lil-Ispettur Pulis, dan ta' l-aħħar kellu ripensament u dubbju dwar jekk kellux jarresta jew le. Dak li hu ċert hu li kif appena daħallu dan id-dubbju, l-Ispettur Pulis aġixxa korrettement u irrilaxxja minnufih lir-rikorrent. Fil-kors tat-*trattazzjoni orali tagħha, Dr. Edwina Chetcuti għar-rikorrent* irrimarkat li l-Ispettur Pulis qagħad fuq l-esteriżmu ta' Mary Briffa. Dan mhux korrett, kif ġa ntqal. Huwa veru li, kif jgħid l-Ispettur fid-deposizzjoni tiegħu, Mary Briffa kienet fi stat isteriku (ara fol. 62) pero` dan, sfortunatement, mhux xi stat rari f'tilwim matrimonjali prolungat u eżaċerbat b'kawżi fil-Qorti. Imbagħad, wara kollox, din Mary Briffa kient qed tiddenunzja fatt li jikkonċerna t-tifel tagħha ta' sentejn u erba' xhur. Pero` l-Qorti tagħmilha ċara illi kieku l-ispettur qagħad biss fuq dak li qaltlu Mary Briffa mingħajr ma għamel minimu ta' investigazzjoni (kif fil-fatt għamel billi ċempel u kellem lir-rikorrent), il-konklużjoni *tagħha kienet tkun differenti;*

**L-Artikolu 5(1)(b)**

Ġaladarba l-arrest tar-rikorrent kien kopert bid-deroga kontemplata fil-paragrafu (c) ta' l-artikolu 5(1) (u salv dak li ser jingħad dwar il-kliem "skond il-liġi") ma hux strettament neċessarju li jiġi kunsidrat il-paragrafu (b), liema paragrafu ġie ukoll imsemmi mill-intimat fir-risposta tiegħu. Il-Qorti ser tillimita ruħha li tosserva li hu evidenti li dan il-paragrafu ma japplikax għall-każ odjern. Ma jirriżultax li kien hemm f'dan il-każ xi ordni ta' Qorti sabiex ir-rikorrent jiġi arrestat għax ma ottemperax ruħhu ma xi ordni preċedenti tagħha; u d-digriet li kien jafda l-kura u l-kustodja tat-tfal f'idejn il-mara ma jistax jitqies li kien per se jawtorizza l-arrest tar-rikorrent. Ma jirriżulta li kien hemm ebda obbligu speċifiku preskritt mil-liġi li a bażi tiegħu l-arrest tar-rikorrent seta' jiġi ġustifikat taħt dan il-paragrafu;

**Id-disposizzjonijet tal-Kodiċi Kriminali**

Jibqa' għalhekk biex jiġi kunsidrat jekk ġewx osservati l-proċeduri delineati fil-Kodiċi Kriminali, u dana għar-raġuni ġa mfissra fil-paragrafu 3 ta' din is-sentenza, u ċjoe' biex wieħed jara jekk l-arrest sarx "skond proċedura preskritta bil-liġi" u jekk l-arrest kienx "skond il-liġi". L-abbli difensura tar-rikorrent, fit-trattazzjoni tagħha, issenjalat l-artikoli 350, 352, 354 u 355 tal-Kodiċi Kriminali bħala li ma ġewx segwiti. Kwantu għall-artikolu 355, din il-Qorti diġa' osservat li t-tlett pulizija li wettqu l-arrest u skortaw lir-rikorrent sa l-għassa tal-belt b'ebda mod ma użaw xi ħruxija, irbit jew tgħakkis huma u jarrestaw u jeskortaw lir-rikorrent. Dak il-minimu ta' forza użata minn P.S. 70 Mallia meta qabad lir-rikorrent min driegħu (jew mill-kozz ta' għonqu) u ġibdu 'l barra, kien, fil-fehma tal-Qorti, ġustifikat u b'ebda mod eċċessiv fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

Dak li imbagħad ġara fil-għassa tal-Belt, u ċjoe` id-diskors u l-għajjat bejn P.S. 70 Mallia u r-rikorrent, u t-tixjir tal-beritta u d-daqqa ta' ponn, jeżorbitaw kompletament mill-iskop ta' l-artikolu 355, fis-sens li għemil ta' P.S. 70 f'dan il-waqt ma kienx intiż għaż-żamma fiż-żgur tal-arrestat jew b'xi mod konness ma' dan l-iskop. Għalhekk dak l-għemil, għalkemm kien jammonta, kollu jew parti minnu, għal ksur tal-liġi ma kienx jammonta għal ksur ta' l-artikolu 355;

Kwantu għall-artikolu 354, dan diġa' irċieva interpretazzjoni awtentika mill-Qorti Kostituzzjonali (allura tal-Maesta' Tagħha r-Reġina) fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija *vs* Francesco Certo *et*** tal-14 ta' Marzu, 1968 u din il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha għalfejn titlef ħafna żmien fuqu. Għalkemm ir-rikorrent, malli tfaċċa s-Surġent Mallia fl-appartament, staqsieh jekk kellux *warrant* (u mill-mod kif ir-rikorrent jgħid li wieġbu s-surġent, ara fol. 16, kien evidenti li ma kellux), ma jirriżultax li wara l-arrest ir-rikorrent talab lil xi ħadd għal kopja tal-mandat jew ordni ta' arrest. Fi kwalunkwe każ, l-artikolu 354 jirreferi għal stadju wara l-arrest u għalhekk anke jekk, għall-grazzja ta' l-argument, kien hemm ksur ta' dan l-artikolu, dan b'ebda mod ma jinċidi fuq il-legalita` o meno ta' l-arrest;

Ikkunsidrat dwar l-artikolu 352 tal-Kodiċi Kriminali:

Dan l-artikolu ġie sostitwit reċentement proprju biex jirrifletti b'mod aktar preċiż ċerti dmirijiet, obbligi u proċeduri li jridu jiġu osservati mill-uffiċjali tal-pulizija fil-kors ta' arresti jew perkwisizzjonijiet. In fatti, fil-waqt li qabel l-1 ta' Frar ta' din is-sena dan l-artikolu kien jitkellem dwar "l-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva inkarigat mill-arrest jew perkwiżizzjoni" - referenza

ovvja għal persuna li tiġi imqabbda minn ħaddieħor biex teffettwa arrest jew perkwiżizzjoni - illum l-artikolu jirreferi għall-"uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva lli jarresta jew jagħmel perkwiżizzjoni". Fi żmien l-inċident meritu tal-kawża odjerna kien japplika l-artikolu 352 qabel is-sostituzzjoni tiegħu bl-artikolu 9 ta' l-Att IV ta' l-1994. Issa, dan l-artikolu irid jiġi interpretat indipendentement minn kwalsiasi interpretazzjoni mogħtija lill-artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni. Fil-fehma tal-Qorti dan l-artikolu għandu jiġi interpretat - u sa fejn taf il-Qorti dejjem ġie hekk interpretat - li l-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva inkarigat mis-superjuri tiegħu jew minn awtorita' oħra kompetenti (eż. il-Qorti) biex jarresta persuna, għandu jgħarraf fil-mument ta' l-arrest l-persuna li tkun qed tiġi arrestata bis-setgħa tiegħu u bir-raġuni ta' l-arrest. L-unika eċċezzjoni li jagħmel dan l-artikolu hu fil-każ ta' persuna li tinqabad in flagrante. Hu rrelevanti jekk il-persuna arrestata setgħetx basret għala kienet qed tiġi arrestata. Dan ifisser li dan l-artikolu jesiġi aktar minn dak li jesiġi l-artikolu 5(2) tal-Konvenzjoni. Fil-każ preżenti, minħabba l-passi, jew aħjar mal-passi, adoperata mill-pulizija fejn uffiċjali jibgħatu subalterni tagħhom jeffetwaw arresti mingħajr dawn ta' l-aħħar ma jkollhom ebda ideja la ta' l-investigazzjoni li tkun qed issir u lanqas tar-raġuni għall-arrest, ġara' li s-Surġent Mallia u ż-żewġ kuntistabbli li kellu miegħu, ma setgħux jottempraw ruħhom ma' l-artikolu 352. Fil-waqt li s-setgħa tagħhom kienet toħroġ mill-fatt li huma kienu pulizija - ħaġa li kienet ovvja għar-rikorrent għax kienu lebsin l-uniformi - u kellhom ordni mingħand l-ispettur - ħaġa li wkoll intqalet lir-rikorrent - dawn b'ebda mod ma setgħu jagħtuh ir-raġuni ta' l-arrest. Konsegwentement fil-każ ta' l-arrest tar-rikorrent, u għal din ir-raġuni, ma jistax jingħad li ġiet esegwita l-proċedura preskritta bil-liġi u li l-arrest sar skond il-liġi, u għalhekk kien hemm fil-konfront tar-rikorrent ksur tad-dritt tiegħu sanċit bl-artikolu 5(1) tal-

Konvenzjoni;

Fl-aħħarnett, kwantu għall-artikolu 350 tal-Kap. 9 l-abbli difensur ta' l-intimat issottometta fit-trattazzjoni tiegħu li dan l-artikolu hu intiż sabiex jipproteġi l-intimita' tad-dar u mhux biex jipproteġi mill-arrest illegali, u li r-rikorrent mhux qed jallega vjolazzjoni ta' l-artikolu 8 tal-Konvenzjoni. Il-Qorti, pero`, tosserva *li dak li jrid jiġi stabbilit hu jekk ġietx segwita jew osservata* procedura partikolari preskritta bil-liġi in konnessjoni ma' l-arrest tar-rikorrent. Ma hemmx dubbju li t-tlett pulizija daħlu fl-appartament ta' Briffa, wara li fetħilhom hu, biex jarrestawh. Kieku r-rikorrent, malli l-pulizija qalulu li l-ispettur ried ikellmu, bla kliem u bla sliem mar magħhom, il-posizzjoni forsi kienet tkun differenti minħabba d-diffikulta` li wieħed jiddetermina eżatt il-mument ta' l-arrest. F'dan il-każ, iżda, din id-diffikulta` ma tippreżentax ruħha, għax l-arrest seħħ ġewwa l-appartament. Il-pulizija ma kellhom ebda ordni bil-miktub kif meħtieġ bl-imsemmi artikolu 350 u l-każ ma kienx jaqa' taħt wieħed mill-paragrafi (a) sa (d) tas-subartikolu (1) *ta' dan l-artikolu. Il-procedura preskritta bil-liġi, fil-każ ta' dan* l-arrest, ma ġietx għalhekk segwita anke fil-kuntest ta' l-artikolu 350 tal-Kodiċi Kriminali;

Ir-rikorrent qed jitlob ukoll kumpens għall-arrest illegali, u dan kif intitolat bl-artikolu 5(5) tal-Konvenzjoni u kif il-Qorti tista' tagħti skond l-artikolu 4(2) tal-Kap. 319. F'dan il-każ, tenut kont taċ-ċirkostanzi kollha, din il-Qorti tara li dan il-kumpens għandu jkun wieħed nominali;

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddisponi mir-rikors billi:

i. tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrent limitatament kif ġej u ċjoe`

billi tiddikjara li fil-konfront tar-rikorrent kien hemm vjolazzjoni biss ta' l-artikolu 5(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja ossia tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u Libertajiet Fundamentali, u dan peress li ma ġietx segwita l-proċedura preskritta bil-Kodiċi Kriminali, iżda tiċħad il-kumplament ta' din l-ewwel talba in kwantu tirreferi għall-artikolu 5(2) tal-imsemmija Konvenzjoni;

ii. tiċħad it-tieni talba tar-rikorrent; u

iii. tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent limitatament kif ġej u ċjoe` billi tikkundanna lill-intimat iħallas is-somma ta' ħamsin lira (Lm50) lir-rikorrent bħala kumpens għal arrest illegali;

L-ispejjeż ta' din il-kawża jitħallsu kwantu għal żewġ terzi mir-rikorrent u r-rimanenti terz mill-intimat";

Ir-rikorrent appella mis-sentenza fis-sens li talba li tiġi riformata billi tiġi konfermata biss f'dik il-parti tagħha fejn sabet li:

"l-proċedura preskritta bil-liġi, fil-każ ta' dan l-arrest, ma ġietx għalhekk segwita anke fil-kuntest ta' l-artikolu 350 tal-Kodiċi Kriminali"

u tirrevoka għall-bqija anke għalix il-kumpens li ħaqqu r-rikorrent huwa aktar minn dak li ġie akkordat;

Appella wkoll, inċidentalment, l-intimat: l-ewwelnett għaliex anke jekk, għall-grazzja ta' l-argument, fl-arrest ma ġietx osservata l-proċedura preskritta mil-liġi, l-entita` tal-każ ma kinitx tali li

tiġġustifika kumpens finanzjarju għall-arrest illegali u sempliċi dikjarazzjoni kienet tikkostitwixxi rimedju sodisfaċenti. L-intimat pero` jidhirlu li t-talbiet kollha tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda;

Huwa dejjem neċessarju, biex kwalsiasi sentenza tiftiehem, illi min jaqraha jkun jista' jsegwi sewwa l-artikoli tal-liġi li għalihom ssir riferenza;

F'din il-kawża, fl-atti, ssemmew l-artikoli li ġejjin:

Il-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem:

"*Article 3 - No one shall be subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment.*

*Article 5 - (1) Everyone has the right to liberty and security of person. No one shall be deprived of his liberty save in the following cases and in accordance with a procedure prescribed by law:*

*(a) the lawful detention of a person after conviction by a competent court;*

*(b) the lawful arrest or detention of a person for non-compliance with the lawful order of a court or in order to secure the fulfilment of any obligation prescribed by law;*

*Omissis (c), (d), (e), (f)*

*(2) Everyone who is arrested shall be informed promptly, in a language which he understands, of the reasons for his arrest*

*and of any charge against him*";

Kodiċi Kriminali - Kap. 9:

"Art.350(1) Bla ħsara tal-każijiet li għalihom il-liġi tiddisponi xort'oħra, ebda uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva ta' grad anqas minn dak ta' spettur, ma jista' jidħol fi djar, f'bini jew f'reċint ieħor biex jagħmel hemm ġewwa perkwiżizzjoni jew arrest ta' persuna li tkun għamlet reat, mingħajr ordni bil-miktub ta' uffiċjal superjuri, ħlief:

(a) meta r-reat huwa delitt mhux eċċettwat taħt l-artikolu 347 u jkun hemm periklu li minn waqt għal ieħor il-persuna fuq imsemmija tista' taħrab jew teqred il-korp tad-delitt, jew kull ma jista' jiswa bħala prova tad-delitt, jew

(b) meta l-persuna tkun maqbuda fil-fatt ta' delitt mhux eċċettwat taħt l-artikolu 347; jew

(ċ) meta jkun jinħtieġ li tindaħal il-Pulizija Eżekuttiva biex timpedixxi delitt mhux eċċettwat taħt l-artikolu 347, jew

(d) meta d-dħul ikun meħtieġ għall-esekuzzjoni ta' mandati jew ta' ordnijiet maħruġa minn awtorita` kompetenti oħra, fil-każijiet stabbiliti fil-liġi;

(2) Fil-kelma "reċint" ma jidħlux l-artijiet imdawwrin bil-ħitan tas-sejjiegħ";

L-ewwel Onorabbli Qorti sabet li r-rikorrent ma sofra ebda trattament inuman u degradanti, u dan speċjalment għaliex għal dan li huwa l-kunċett ta' x'jikkostitwixxi trattament inuman u

degradanti, segwiet dak li l-*European Commission of Human Rights* qalet f'*The Greek Case* ta' l-1969 li ġiet segwita minn din il-Qorti f'**Galea *vs* Segretarju tad-Djar *et*** ta' t-30 ta' Lulju, 1977 u f'**Vella *vs* Kummissarju tal-Pulizija *et*** fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Diċembru, 1986 u konfermata, fuq dan il-punt, minn din il-Qorti fil-5 ta' April, 1991 (LXXV.I.106). Konċiżament, jista' jingħad illi t-trattament inuman u degradanti biex jikkwalifika bħala tali jrid ikun ta' natura gravi, jiġifieri li jkun trattament ta' ċertu piż u severita';

Din il-Qorti taqbel ma' l-apprezzament tal-provi, fuq dan il-punt, li hemm fis-sentenza appellata, billi l-fatti ppruvati ma kinux ta' gravita' jew piż jew severita'. Din il-Qorti biss trid tagħmilha ċara illi meta fl-*obiter dicta*, is-sentenza appellata tipprospetta illi anke kieku r-rikorrent ma ingħatax l-opportunita' li jilbes żarbun, u l-Pulizija qabdu u arrestawh u għaddew bih fit-triq ħafi, dan ma kienx jikkwalifika bħala trattament degradanti, din il-Qorti ma' dan ma taqbilx u ma tistax tħalli dik l-esposizzjoni, allavolja sempliċement ipotetika, għaddejja, bħallikieku tikkondividiha;

Is-sentenza appellata tat interpretazzjoni aktarx dilwita tal-frażi "*shall be informed promptly of the reasons for his arrest*" tant illi ammettiet anke

"it-trapass ta' ftit siegħat mill-mument li persuna tkun ġiet arrestata sakemm tingħata l-informazzjoni ma jilledix id-dritt sanċit ....";

Din il-Qorti ma tarax għaliex il-kelma *promptly* m'għandhiex tfisser dak li komunament tfisser fil-lingwa ta' kuljum, bħal per eżempju, kif jiddefinixxi l-kelma *Chambers 20th Century*

*Dictionary* (Reprint 1986) paġina 1030:

"*punctually*, *to the minute*"

Fil-Kodiċi Kriminali, Kap. 9, dan l-obbligu ta' informazzjoni lill-arrestat kien diġa' jeżisti sa mill-1854, ferm qabel il-Kostituzzjoni ta' l-1964 u l-Konvenzjoni Ewropeja ta' l-1950. Difatti l-artikolu 352, igħid:

"L-uffiċjal tal-Pulizija Eżekuttiva inkarigat mill-arrest jew mill-perkwiżizzjoni, għandu jgħarraf lill-persuna suġġetta għall-arrest jew perkwiżizzjoni, meta tkun hemm, bis-setgħa tiegħu u bir-raġuni ta' l-arrest jew tal-perkwiżizzjoni, kemm-il darba ma jkunx inqabad fil-fatt"

Jidher ċar, illi għalkemm fl-artikolu m'hemmx il-kwalifika ta' *promptly* ma jistax ikun hemm dubbju li l-informazzjoni għandha tingħata ma' l-arrest mill-uffiċjal tal-Pulizija, u anzi, fil-każ ta' perkwiżizzjoni, qabel ma ssir il-perkwiżizzjoni. Altru minn *promptly*;

Din il-Qorti ma tifhimx għaliex dan l-obbligu m'għandux jiġi osservat kontemporanjament ma' l-arrest. Fejn hija d-diffikolta li dan l-obbligu jiġi osservat? X'inhuma r-raġunijiet li jidderogaw dan l-obbligu? Is-sentenza appellata ma ssemmi xejn u tistrieħ biss fuq x'jgħidu xi ġuristi u xi deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem. Imma dawn, bir-rispett kollu, ma jgħidux għaliex *promptly* m'għandhiex tfisser "mal-ewwel";

Mingħajr dawn ir-raġunijiet din il-Qorti jidhrilha li għandha qabel xejn, tapplika dak li tgħid il-liġi tagħna. Għandu wkoll jiġi

innutat illi l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni jelenka *minimum rights* u kull Ordinament Ġuridku li jikkonċedi garanziji akbar minn dawk tal-Konvenzjoni, għandu jiġi applikat billi jmur oltre l-Konvenzjoni. Kif inhu l-każ f'Malta;

Finalment u fuq kollox, dawn id-diskwiżizzjonijiet fuq it-tifsira ta' *promptly* huma, bis-sistema ġuridika tagħna, għal kollox inutli u jiżgwidaw għaliex il-Kostituzzjoni tagħna fl-artikolu 34(2) tgħid, bl-aktar mod kristallina illi:

"Kull min ikun arrestat jew detenut għandu jiġi nfurmat, fil-bini ta' l-arrest u detenzjoni tiegħu, f'ilsien li huwa jifhem, bir-raġunijiet ta' l-arrest jew detenzjoni tiegħu";

Sorprendentement, u inspjegabbilment ir-rikorrent injora kompletament il-Kostituzzjoni tagħna u hekk ukoll għamlet l-ewwel Qorti - mentri huwa inkonfutabbli li sakemm il-garanziji tal-Kostituzzjoni huma ogħla minn dawk tal-Konvenzjoni, hija l-Kostituzzjoni tagħna li għanda tipprevali u mhux il-Konvenzjoni. U dan huwa dak li sejra tagħmel din il-Qorti, kif obbligata, irrispettivament minn ommissjonijiet ta' riferenza u applikazzjoni kemm tar-rikorrenti kif ukoll ta' l-ewwel Onorabbli Qorti;

Hekk ukoll, din il-Qorti hija tal-fehma li l-unika deroga għall-obbligu msemmi, hija dik li jsemmi l-artikolu 252 Kap. 9, jiġifieri li l-arrestat m'hemmx għalfejn jiġi nfurmat bir-raġunijiet ta' l-arrest - meta l-arrest isir għaliex il-persuna arrestata tinqabad in flagrante. M'hemm ebda deroga oħra fil-Kodiċi Kriminali, u għalhekk jekk il-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem, sa issa, iddeċidiet li m'hemmx l-obbligu f'dawk il-każijiet fejn l-arrestat, minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, jiġi preżunt li jaf għaliex

qed jiġi arrestat,din il-Qorti ma taqbilx ma' din it-tieni eċċezzjoni għar-regola ta' informazzjoni. M'hemmx verament raġuni valida għaliex din il-garanzija ta' l-akkużat m'għandhex tiġi rispettata. Anzi din il-Qorti taħseb li din l-eċċezzjoni hija perikoluża għaliex, per eżempju, l-arrestat li jkun ikkommetta aktar minn reat wieħed, u dan ikun jafu huwa biss, kif jista' jkun jaf jew jassumi sewwa, għal-liema reat minn dawk li jkun ikkommetta, qed jiġi arrestat, u b'hekk ma jkunx jista' jikkontrasta r-raġunijiet ta' l-arrest u allura, f'każ bħal dan, huwa jiġi serjament aggravat fid-dritt tiegħu ta' difiża;

Għalhekk din il-Qorti jidhrilha li abbinati l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-artikolu 352 tal-Kap. 9 - fil-każ preżenti, ir-rikorrent sofra vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tiegħu li jkun jaf ir-raġunijet ta' l-arrest, għaliex kif tgħid is-sentenza appellata:

"... f'ebda ħin ma intqal lilu espressament ir-raġuni ta' l-arrest"

Is-sentenza appellata tirritjeni li l-Ispettur Pulis kien ġustifikat li jkollu suspett raġonevoli fuq ir-rikorrent għaliex dan, tnax-il sena qabel, kien instab ħati li mmanifattura xi arma u għalhekk dan:

".... kien biżżejjed fil-fehma ta' din il-Qorti biex inissel suspett raġonevoli f'moħħ l-Ispettur Pulis li r-rikorrent seta' kien ħati tar-reat kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kodiċi Kriminali";

Dan l-artikolu 86 jiddisponi hekk

"Kull min bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati; jarresta, iżomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-

volonta' tagħha .... meta jinsab ħati ...."

Hawnhekk ukoll is-sentenza appellata tasal f'konklużjoni li m'hijiex kondiviżibbli. Ir-rikorrenti kellu l-ibnu minuri miegħu. Ma riedx jirritornah. Il-volonta' o menu tal-minuri m'hijiex l-element li ssemmi l-liġi. Ma setax ikun hemm suspett raġonevoli li r-rikorrent ikkommetta reat għaliex billi żamm għandu lill-ibnu minuri aktar milli jmissu skond id-digriet tal-Qorti kompetenti, dan il-fatt - li jirrikorri ta' spiss fil-kamp tas-separazzjonijiet bejn il-konjuġi - ma jikkostitwixxix reat fis-sens kriminali ta' dik il-kelma. L-intervent, bit-telefon, ta' l-Ispettur Polidano, ma' l-Ispettur Pulis, kien biżżejjed biex dan ta' l-aħħar jirrilaxxja immedjatament lir-rikorrent għaliex in realta' ma setax kien hemm suspett raġonevoli li r-rikorrent ikkommetta reat - mhux tant għaliex ir-rikorrent ma kkommettiex reat, iżda għaliex ma kienx hemm reat fil-fatt li kkommetta r-rikorrent;

Għalhekk l-arrest tar-rikorrent fuq dan il-punt ukoll, ivvjola l-garanzija fundamentali;

Il-proċedura ta' l-arrest f'pajjiżna hija regolata mill-artikoli 347 sa 355 tal-Kap. 9;

Is-sentenza appellata issemmi l-artikoli 350, 352, 354 u 355;

Din il-Qorti taqbel ma' dak li hemm fis-sentenza appellata li ma kienx hemm ebda ksur ta' l-artikolu 355;

Iżda pero', kif diġa' intqal, ma ġietx għal kollox segwita l-proċedura dettata mill-artikoli 350, 352 u 354, u għalhekk id-drittijiet fundamentali tar-rikorrent kontemplati fl-artikolu 5(1)(c), u (2) tal-

Konvenzjoni jirriżultaw vjolati;

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti qed tiddisponi kemm mill-appell prinċipali kif ukoll dak inċidentali billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tiddikjara li r-rikorrent sofra vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu billi ġie arrestat illegalment u billi f'dak l-arrest, ma ġewx osservati l-provvedimenti li hemm kontemplati fl-artikoli 34(1) u (2) tal-Kostituzzjoni,u 5(1) u (2) tal-Konvenzjoni, abbinati, kif hemm bżonn, ma' l-artikoli 350, 352 u 354 tal-Kodiċi Kriminali, u tikkonfermha inkwantu ddeċidiet li ma kienx hemm vjolazzjoni ta' artikoli 36 tal-Kostituzzjoni u 3 tal-Konvenzjoni. Tirriformha wkoll fl-ammont tal-kumpens adegwat għall-vjolazzjonijiet li ġew kommessi fil-konfront tar-rikorrenti, għas-somma ta' tlett mitt lira (Lm300) flok il-ħamsin lira (Lm50) akkordati mill-ewwel Onorabbli Qorti;

L-ispejjeż kollha jitħallsu kwantu għal tlett kwarti mill-intimat u kwart mir-rikorrent.